# *MUMENT TA' TALB*

# *FESTA TAL-KONVERŻJONI TA' SANTU WISTIN*

# *24 ta' April, 2020*

1. Innu tal-bidu

2. Is-Sinjal tas-Salib

+ Fl-Isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.
*R/.* Ammen.

3. Introduzzjoni

*Il-Konverżjoni ta' Santu Wistin: ftuħ bla kundizzjoni għall-Mulej – bidla radikali: fiduċja totali u disponibbiltà – Imħabba bla tarf għal Alla tiftaħna għat-tama – F'dan iż-żmien tal-pandemija npoġġu lilna nfusna fl-idejn ħanina ta' Kristu Rxoxt.*

4. Talba ta' Santu Wistin

*Qarrej jew tnejn. Jew qarrej differenti għal kull paragrafu.*

*L-ewwel qarrej:* O Alla ħallieq ta' kollox, agħtini l-ewwel li nsejjaħlek fis-sewwa; imbagħad li nkun mismugħ minnek; u fl-aħħar li tifdini. O Alla li minnek ġej kollox, li mingħajrek ma hemm xejn. O Alla li lanqas tippermetti li jintilfu dawk li jfittxu li jeqirdu lil xulxin. O Alla li mix-xejn ħlaqt din id-dinja, li għajnejn kulħadd jintebħu kemm hi sabiħa. O Alla li ma tagħmilx il-ħażen, iżda tippermettih sabiex jiġi evitat ħażen ikbar.

*It-tieni qarrej:* O Alla li int maħbub min kull min jista' jħobb, konxjament jew le. O Alla li fik kollox jeżisti, u madankollu dak li hu sfigurat fil-ħlejjaq mhux ikrah, dak li hu ħażin ma jġibx ħsara, u lanqas l-iżball ma jqarraq. O Alla missier il-verità, missier il-għerf, missier il-ħajja vera u sħiħa, missier il-kuntentizza, missier it-tajjeb u s-sabiħ, missier id-dawl intelliġibbli, missier il-qawmien u l-illuminazzjoni tagħna, missier ir-rahan li jwiddibna sabiex nerġgħu lura lejk.

*L-ewwel qarrej:* O Alla li jekk nitbiegħdu minnek, naqgħu; jekk nersqu lejk, inqumu; jekk nibqgħu fik, inżommu sħiħ. O Alla li jekk nitilquk, inċedu; jekk nerġgħu lura lejk, nieħdu l-ħajja mill-ġdid; jekk ngħixu fik, aħna ħajjin. O Alla ħadd ma jitbiegħed minnek, jekk mhux għax imqarraq; ħadd ma jfittxek, jekk mhux għax imwissi; ħadd ma jsibek, jekk mhux għax imsoffi. O Alla li titilqek, ifisser li tintilef; li tagħti kasek, ifisser li tħobb; li tarak, ifisser li jkollok lilek. O Alla li tqanqal il-fidi, tħeġġeġ it-tama, li tgħaqqadna l-imħabba.

*It-tieni qarrej:* Fejjaqli u iftaħli widnejja, sabiex nisma' leħnek. Fejjaqli u iftaħli għajnejja, sabiex nara s-sinjali tiegħek. Biegħed minni l-mard, sabiex ngħarfek mill-ġdid. Għidli fejn għandi nkun għassa, sabiex narak, u nittama li nagħmel dak kollu li tikkmanda. Jekk hu bil-fidi, li dawk li kienu tbiegħdu minnek jerġgħu lura lejk, agħtina l-fidi; jekk bil-virtù, agħtina l-virtù; jekk bix-xjenza, agħtina x-xjenza. Żid fija l-fidi, żid it-tama, żid l-imħabba.

*L-ewwel qarrej:* Kulma jsaħħaħ lil ġismi li jmut, sakemm ma nafx kif jista' jkun ta' utilità għalija, jew għal dawk li nħobb, jiena nħalli f'idejk, Missier l-iktar għaref u kbir; u meta jiġi l-waqt, urini int x'inhu l-aħjar. Lilek nitlob o tjubija waħdanija u li tgħaxxaq! Ammen, ammen.

(*Solilokwiji* 1,1,2-3.5-6)

5. Silenzju qasir (wara kull paragrafu jew fl-aħħar)

*Wieħed jista' wkoll jinkludi dawn l-antifoni wara kull paragrafu:*

*"Tard jien ħabbejtek, O Sbuħija eterna, tard jien ħabbejtek, Sbuħija antika u daqshekk ġdida!"*

*"Ubi caritas et amor, Deus ibi est"*

*"Misericordias Domini, in aeternum cantabo"*

6. Nitolbu flimkien:

Missierna…
Sliema…
Glorja...

7. Talba:

\+ O Alla ħanin u li tista' kollox, serħan fl-għejja tagħna, tisħiħ fid-dgħufija tagħna, konfort fid-dwejjaq tagħna. Aħna niġu għandek nitolbuk ħniena, għax sal-lum inħossu d-dgħufija umana fil-preżenza ta' din il-pandemija virali. Isma' t-talb li qed nagħmlulek bl-interċessjoni ta' Santu Wistin, ikkonsla l-uliedek, eħlisna mid-deni u iftħilna qalbna biex inkunu nies ta' tama.
B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li hu Alla u li miegħek jgħix u jsaltan flimkien mal-Ispirtu s-Santu, Alla wieħed, għal dejjem ta dejjem.
*R/.* Ammen.

8. Barka

+ Il-Mulej magħkom.
*R/.* U miegħek ukoll.

+ Iberikkom Alla li jista' kollox, il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu.
*R/.* Ammen.

jew:

+ Iberikna l-Mulej, iħarisna minn kull ħażen u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.
*R/.* Ammen.

9. Innu tal-aħħar

